**12 ta' April, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Virginia Cassar

*versus*

Emanuel Caruana *et*

**Kuntratt – Żball – *Error* – Kuntratt Korrettorju**

*Il-Qorti aċċettat it-talba attriċi fis-sens illi r-rata ta' ċens indikata fl-Att kienet tnizzlet bi żball minflok rata akbar u ordnat il-pubblikazzjoni ta' Att korrettorju.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Novembru 1984, fejn hemm miġbura t-talbiet ta' l-attriċi u eċċezzjonijiet tal-konvenuti u fejn l-atti ntbagħtu lil din il-Qorti bħala l-Qorti kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża;

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' April 1988 li biha l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti ġiet miċħuda u biha l-proċess ġie rimess lill-perit legali Dr. Joseph Ciappara biex ikompli l-inkarigu lilu mogħi bid-digriet tas-7 ta' Jannar 1985;

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 1989, l-imsemmi perit legali ħalef ir-relazzjoni ulterjuri tiegħu;

*Omissis;*

Illi l-attriċi tippretendi illi fil-kuntratt ta' konċessjoni *enfitewtika temporanja ppublikat min-Nutar Antonio Carbonaro* fid-19 ta' Novembru 1976, iċ-ċens annwu ġie indikat bi żball fl-ammont ta' Lm50 meta fil-fatt il-ftehim kien li ċ-ċens annwu jkun ta' Lm274. Il-konvenuti qegħdin isostnu li l-kuntratt hu ċar u f'każ li hemm xi dubbju, l-istess kuntratt għandu jiġi interpretat favur l-obbligat, ċjoè min iħallas u mhux a favur min jirċievi;

Illi l-perit legali, Dottor Ciappara, wara li ġabar il-provi li ressqulu l-kontendenti u wara li eżamina l-kwistjonijiet involuti fil-kawża, wasal għall-konklużjonijiet li l-pretensjoni ta' l-attriċi ġiet sostanzjata għaliex mill-fatti li rriżultaw, kien jidher bl-aktar mod ċar u manifest li l-partijiet fuq il-kuntratt in kwistjoni kellhom f'rashom rata ta' ċens ta' ħmistax-il xelin kuljum u mill-bidu nett u għal ċertu żmien wara, effettivament tħallas ċens b'dik ir-rata u mhux bir-rata ta' Lm50 fis-sena indikata erronjament fl-istess kuntratt;

Ikkunsidrat:

Illi wara li din il-Qorti għamlet eżami mill-aktar akkurat tal-provi mressqa, jidhrilha li l-għaref perit legali wasal għall-konklużjoni ġusta – anzi wasal għall-unika konklużjoni korretta li seta' jasal għaliha. Huwa veru, kif issottomettew il-konvenuti fin-nota ta' kritika tagħhom, illi l-attriċi għandha fuq spallitha oneru ta' prova pjuttost iebes, peress li l-prova li trid tagħmel hija ntiża biex tikkontradiċi dak li ġie mnizzel bil-kitba fil-kuntratt. Però, fil-fehma kkonsiderata tal-Qorti, l-attriċi, kif kkorroborata minn ħutha u kif ikkorroborata indirettament mill-

aġir l-ewwel ta' missier il-konvenuti u wara, ta' l-istess konvenuti, irnexxielha tissostanzja sodisfaċentement il-pretensjoni tagħha li fil-kuntratt, ir-rata taċ-ċens ġiet erronjament indikata, peress li ma kenitx tirrispekkja l-ftehim milħuq bejn l-attriċi u Carmelo Caruana, missier il-konvenuti;

Li Carmelo Caruana kien iħallas bir-rata ta' ħamsa u sebgħin ċenteżmu kuljum huwa ppruvat kemm mix-xiehda ta' l-attriċi u ħutha u kemm ukoll indirettament mill-fatt li ma ġewx prodotti mill-konvenuti, il-kotba ta' l-irċevuti li kienet tirrilaxxja kull darba l-attriċi lill-istess Carmelo Caruana. L-istess fatt joħroġ ukoll mill-ittra tal-konvenuti tal-21 ta' Ottubru 1983 (a fol. 88) li fiha talbu rifużjoni taċ-ċens, allegatament imħallas żejjed **mill-bidu nett tal-konċessjoni,** u għalhekk indirettament il-konvenuti qegħdin jammettu li missierhom kien iħallas bir-rata ta' 75 ċenteżmu kuljum;

Illi l-fotokopja tal-liċenzja (ara fol. 91) turi *rental value* ta' Lm55, ċifra li ma taqbilx la mal-kuntratt u lanqas ma' dak li kien jiġi effettivament imħallas. L-attriċi xehdet li meta l-ħanut kien f'idejha, kienet tħallas il-liċenzja a bażi ta' *"rental value"* ta' Lm50 (ara fol. 80 *tergo).* Huwa possibli, għax il-konvenuti ma approfendewx il-provi fir-rigward tal-liċenzji, illi Carmelo Caruana, għal xi raġuni ddikjara *'rental value'* li jixbah dak li qabel kienet iddikjarat l-attriċi meta ġie biex iġedded il-liċenzji f'ismu;

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-attriċi ma ressqitx bħala xhieda li ċertu Marsala u lin-Nutar Carbonaro ma jindikax li l-attriċi naqset minn xi obbligu tagħha. Jekk il-konvenuti riedu dawn ix-xhieda biex jikkontradiċu l-attriċi, ħadd ma żamm lill-konvenuti milli jressaqhom **huma** bħala xhieda tagħhom;

Illi din il-Qorti jidhrilha li ġie assulutament ippruvat li l-kuntratt imsemmi jikkontjeni l-iżball indikat mill-attriċi u dan kemm għar-raġunijiet mogħtija mill-perit legali u kemm ukoll għar-raġunijiet oħra li qegħdin jissemmgħu f'din is-sentenza;

Illi konsegwentemnet, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti ma tistax tintlaqa' għaliex din il-Qorti ma għandha l-ebda dubbju li l-fatti tal-każ jirrispekkjaw fis-sostanza dak li xehdet l-attriċi;

Illi għaldaqstant, it-talbiet ta' l-attriċi huma ġustifikati;

Għal dawn il-motivi:

Prevja li tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi, kif dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni u għall-fini tat-tieni talba, tordna li l-att korrettorju opportun jiġi ppublikat min-Nutar Dottor Anthony Gatt fit-18 ta' Mejju 1989 fit-3.00 p.m. fl-edifizzju tal-Qorti u tinnomina lil Dottor Edward Debono biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi;

L-ispejjeż tal-kawża – barra dawk li diġà ġew deċiżi li għandhom jibqgħu kif deċiżi – fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti, ċjoè nofs bejn l-attriċi u nofs il-konvenuti, indaqs bejniethom.